



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/0101(COD)

29.10.2010

EMENDI 58 - 107

**Abbozz ta' rapport
Ivailo Kalfin**
(PE450.852v01-00)

dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew għall-Investment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-UE.

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew għall-Investment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-UE.
(COM(2010)0174 – C7-0110/2010 – 2010/0101(COD))

Emenda 58
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjon

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investment fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mill-1963 wettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-politiki esterni tal-UE. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji.

Emenda

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investment fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mill-1963 wettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-politiki esterni tal-UE. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji. ***Meta jagħmel dan, il-BEI jikkontribwixxi kemm għall-iżvilupp tal-pajjiżi terzi u kemm għall-prosperità tal-UE fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi globali mibdula. L-operazzjonijiet tal-BEI bħala appoġġ tal-politiki esterni tal-Unjoni għandhom ikompli jitwettqu skont il-prinċipji ta' Prattiki Finanzjarji Sodi.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am1 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 59
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjon

(8) Barra mil-limiti massimi reġjonali, il-mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 000 000 għandu jiġi attivat u allokat bħala pakkett li jsostni l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-qasam tat-taffija tal-bidla fil-

Emenda

(8) Barra mil-limiti massimi reġjonali, il-mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 000 000 għandu jiġi attivat u allokat bħala pakkett li jsostni l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-qasam tat-taffija tal-bidla fil-

klima u l-adattament għaliha madwar ir-reġjuni koperti mill-mandat. Il-BEI jista' jikkontribwixxi permezz tal-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ħalli jsostni lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lis-settur privat biex dawn jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u jużaw bl-aħjar mod possibbli l-finanzjament disponibbli. Għal proġetti ta' taffija u adattament, ir-riżorsi tal-BEI, *meta possibbli*, għandhom jiġu kkumplimentati minn fondi konċessjonali skont il-baġit tal-UE, permezz tat-taħlit effiċjenti u konsistenti ta' għotjiet u self għal finanzjament konness mal-bidla fil-klima fil-kuntest tal-assistenza esterna tal-UE.

klima u l-adattament għaliha madwar ir-reġjuni koperti mill-mandat. Il-BEI jista' jikkontribwixxi permezz tal-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ħalli jsostni lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lis-settur privat biex dawn jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u jużaw bl-aħjar mod possibbli l-finanzjament disponibbli. Għal proġetti ta' taffija u adattament, ir-riżorsi tal-BEI, kemm jista' jkun, għandhom jiġu kkumplimentati minn fondi konċessjonali skont il-baġit tal-UE, permezz tat-taħlit effiċjenti u konsistenti ta' għotjiet u self għal finanzjament konness mal-bidla fil-klima fil-kuntest tal-assistenza esterna tal-UE. *F'dan ir-rigward, huwa xieraq li r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew għandu jkollu rapport dettaljat dwar l-istrumenti finanzjarji użati għall-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti, li jidentifikaw l-ammonti ta' garanziji li jaqgħu taħt il-mandat fakultattiv u l-ammonti ta' għotjiet u self.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am4 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 60 Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

(8a) L-eliġibbiltà ta' pajjiżi fejn il-BEI jiffinanzja t-taffija tat-tibdil fil-klima taħt il-garanzija tal-UE tista' tiġi ristretta għall-pajjiżi li skont il-Kunsill mhumiex jikkommettu rwieħhom għal miri adegwati marbuta mat-tibdil fil-klima.

*Ġustifikazzjoni**Emenda li tissostitwixxi Am5 tal-Abbozz ta' rapport***Emenda 61
Ivailo Kalfin****Proposta għal deċiżjoni
Premessa 9***Test propost mill-Kummissjon*

(9) Għandha tiġi pprovduta xi flessibilità fir-rigward tal-allokazzjoni reġjonali skont il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima biex tippermetti għall-aktar aċċettazzjoni effettiva u mħaffa tal-finanzjament disponibbli fil-perjodu ta' 3 snin 2011-2013. ***F'każ li l-ammont totali tal-operazzjonijiet ta' finanzjament meqjusa jisboq l-ammont disponibbli ta' EUR 2 biljun, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jagħmlu l-almu tagħhom ħalli jżguraw*** distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni ***koperti***, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-għajnuna esterna skont il-Mandat Ġenerali.

Emenda

(9) Għandha tiġi pprovduta xi flessibilità fir-rigward tal-allokazzjoni reġjonali skont il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima biex tippermetti għall-aktar aċċettazzjoni effettiva u mħaffa tal-finanzjament disponibbli fil-perjodu ta' 3 snin 2011-2013, ***filwaqt li tiġi żgurata*** distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni ***fuq perjodu ta' żmien*** abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-għajnuna esterna skont il-Mandat Ġenerali

*Ġustifikazzjoni**Emenda li tissostitwixxi Am7 tal-Abbozz ta' rapport***Emenda 62
Ivailo Kalfin****Proposta għal deċiżjoni
Premessa 11***Test propost mill-Kummissjon*

(11) Biex titqawwa l-koerenza tal-mandat,

Emenda

(11) Biex titqawwa l-koerenza tal-mandat,

tissaħħaħ il-konċentrazzjoni tal-attività ta' finanzjament estern tal-BEI fuq il-politiki ta' appoġġ tal-UE, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, din id-deċiżjoni għandha tiffissa għanijiet orizzontali ta' livell għoli fil-mandat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha eliġibbli, fuq is-sies tal-aspetti komparattivament b'saħħithom tal-BEI f'oqsma fejn fl-imġhoddi dan ta' xhieda ta' ħidma pożittiva. Fir-reġjuni kollha koperti minn din id-deċiżjoni, il-BEI għandu għalhekk jiffinanzja proġetti fl-oqsma tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, l-infrastruttura soċjali u ekonomika (notevolment fit-trasport, l-enerġija inkluża l-enerġija rinovabbli, is-sigurtà tal-enerġija, l-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, kif ukoll it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). F'dawn l-oqsma, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-UE, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI.

tissaħħaħ il-konċentrazzjoni tal-attività ta' finanzjament estern tal-BEI fuq il-politiki ta' appoġġ tal-UE, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, din id-deċiżjoni għandha tiffissa għanijiet orizzontali ta' livell għoli fil-mandat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha eliġibbli, fuq is-sies tal-aspetti komparattivament b'saħħithom tal-BEI f'oqsma fejn fl-imġhoddi dan ta' xhieda ta' ħidma pożittiva. Fir-reġjuni kollha koperti minn din id-deċiżjoni, il-BEI għandu għalhekk jiffinanzja proġetti fl-oqsma tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, l-infrastruttura soċjali u ekonomika (notevolment fit-trasport, l-enerġija inkluża l-enerġija rinovabbli, is-sigurtà tal-enerġija, ***l-infrastruttura enerġetika***, l-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, kif ukoll it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). ***Għandu jinfakkar li titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-kapital jista' jjiżvolgi rwol essenzjali fl-istimolu tal-iżvilupp ekonomiku u fil-ġlieda kontra l-qgħad.*** F'dawn l-oqsma, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-UE, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. ***Il-BEI jista' jappoġġja l-preżenza tal-UE f'pajjiżi sħab permezz ta' investiment barrani dirett li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għarfien kemm taħt il-garanzija tal-UE għall-investimenti fl-oqsma msemmija hawn fuq, sew b'riskju tiegħu stess.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am9 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 63
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

(12) Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom irawmu: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Il-BEI għandu gradwalment isawwar il-mezzi xierqa biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

imħassar

⁹ **Kif definiti fil-lista tal-OECD tar-reċipjenti ODA (li jinkludu l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti, il-Pajjiżi bi Dħul Baxx kif ukoll il-Pajjiżi bi Dħul Medju).**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-test huwa kruċjali biżżejjed biex jiġi trasferit fil-parti sostantiva tad-deċiżjoni.

Emenda 64
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjon

(12) **Barra minn hekk**, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi⁹ li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom irawmu: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Il-BEI għandu **gradwalment** isawwar il-mezzi **xierqa** biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

Emenda

(12) **B'mod aktar ġenerali**, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom irawmu: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn, **għaldaqstant jistinkaw sabiex jintlaħqu l-oġettivi marbuta mat-tnaqqis fil-faqar**. Il-BEI għandu **jippromwovi aċċess ugwali għas-servizzi finanzjarji, partikularment għall-gruppi żvantaġġati bħall-minoranzi, il-bdiewa u n-nisa**. Biex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti **b'mod adegwat, il-Kunsill u l-korpi governattivi għandhom jiggerantixxu żieda tar-riżorsi u tal-persunal tal-BEI fi żmien raġonevoli, u għandu sostanzjalment** isawwar il-mezzi biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 65
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjon

(12) Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tteġġeg u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom irawmu: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. ***Il-BEI għandu gradwalment isawwar il-mezzi xierqa*** biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti.

Emenda

(12) Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tteġġeg u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom irawmu: żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-rekwiżiti ***l-korpi governattivi tal-BEI għandhom jiggerantixxu gradwalment żieda fir-riżorsi u l-persunal tal-BEI.***

Or. en

Emenda 66
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjon

(13) **Skont** din id-deċiżjoni, il-BEI għandu **jżid l-orjentazzjoni tiegħu** rigward l-iżvilupp f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u **b'segwiment tal-prinċipji** tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali. Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-UE u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, bħall-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. Il-BEI għandu kull ma jmur isaħħaħ ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ għas-saħħa u l-edukazzjoni kif ukoll għall-adattament għall-bidla fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda **progressiva** fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplementari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, il-BEI għandu jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

Emenda

(13) **Filwaqt li l-qawwa tal-BEI tibqa' l-karattru distint tiegħu bħala bank ta' investment, skont** din id-deċiżjoni, il-BEI għandu **jfassal l-impatt fuq** l-iżvilupp **mill-operazzjonijiet esterni tiegħu** f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u **jsegwi l-prinċipji** tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp **kif ukoll dawk stipulati fl-Artikolu 208 TFUE, flimkien mal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna deskritti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 u l-Aġenda għall-Azzjoni ta' Accra tal-2008.** Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti **ambjentali**, soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali **mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-soċjetà ċivili. Meta ssir id-diliġenza dovuta tal-proġett, l-BEI għandu jikkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjonijiet lokali, li saru mill-promotur tal-proġett. Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet lokali għandhom jiġu żvelati lill-pubbliku.** Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-UE u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, **(bħal, inter alia, l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għall-SMEs u l-mikro-entitajiet), l-infrastruttura** ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. **L-iffinanzjar jista' jinkludi wkoll proġetti li jappoġġjaw is-saħħa u l-edukazzjoni,**

partikularment fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali u l-infrastruttura, fejn hemm valur miżjud ċar. Il-BEI għandu kull ma jmur isahha ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ għas-saħħa u l-edukazzjoni kif ukoll għall-adattament għall-bidla fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda, *f'perjodu taż-żmien raġonevoli,* progressiva fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplimentari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, il-BEI għandu jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am11 tal-Abbozz ta' proposta

Emenda 67
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjon

(13) *Skont* din id-deċiżjoni, il-BEI għandu *jżid l-orjentazzjoni tiegħu* rigward l-iżvilupp f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u *b'segwiment* tal-prinċipji tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħa il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti,

Emenda

(13) *Filwaqt li l-qawwa tal-BEI tibqa' l-karattru distint tiegħu bħala bank ta' investment, skont* din id-deċiżjoni, il-BEI għandu *jfassal l-impatt fuq* l-iżvilupp *mill-operazzjonijiet esterni tiegħu* f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u *jsegwi l-prinċipji* tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp *kif ukoll dawk stipulati fl-Artikolu 208*

inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali. Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-UE u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, bħall-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. Il-BEI għandu kull ma jmur isahha ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ **għas-saħħa u l-edukazzjoni kif ukoll** għall-adattament għall-bidla fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda **progressiva** fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplementari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, il-BEI **għandu** jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

TFUE, flimkien mal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna deskritti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 u l-Aġenda għall-Azzjoni ta' Accra tal-2008. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħa il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti **ambjentali**, soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali **mal-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili. Il-konsultazzjonijiet lokali għandhom isiru fi ħdan il-proġett tad-diliġenza dovuta tal-BEI.** Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-UE u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, **(bħal, inter alia, l-aċċess għas-servizzi finanzjarji għall-SMEs u l-mikro-entitajiet), l-infrastruttura** ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. **L-iffinanzjar jista' jinkludi wkoll proġetti li jappoġġjaw is-saħħa u l-edukazzjoni, partikolarment fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali u l-infrastruttura, fejn hemm valur miżjud ċar.** Il-BEI għandu kull ma jmur isahha ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ għas-saħħa u l-edukazzjoni kif ukoll għall-adattament għall-bidla fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda, **fi żmien perjodu raġonevoli**, fir-riżorsi umani dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplementari għall-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, il-BEI **għandu** jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp **u tal-ambjent** tal-

Ġustifikazzjoni

L-emenda timmodifika kemxejn l-emenda tar-Rapporteur sabiex tinkludi l-aspetti ambjentali tal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-BEI.

Emenda 68

Carl Haglund, Riikka Manner, Ivars Godmanis, Anne E. Jensen

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjon

(16) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat għandha sseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li skontha l-UE timmira li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin fost il-pajjiżi ġirien, abbażi tal-valuri tal-UE u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u fis-sliem msejsa fuq il-kooperazzjoni. Biex tikseb dawn l-għanijiet l-UE u l-imsieħba tagħha jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni bilaterali maqbula flimkien li jiddefinixxu ġabra ta' priyoritajiet li jinkludu kwistjonijiet politiċi u tas-sigurtà, affarijiet kummerċjali u ekonomiċi, problemi ambjentali u l-integrazzjoni tan-netwerk tat-trasport u l-enerġija. L-Unjoni għall-Mediterran, is-Sħubija tal-Lvant, u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed huma inizjattivi reġjonali u multilaterali li jikkumplementaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-grupp rispettiv ta' pajjiżi msieħba ġirien li jiffaċċjaw sfidi komuni u/jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran tappoġġja t-titjib soċjoekonomiku, is-solidarjetà, l-integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien,

Emenda

(16) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat għandha sseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li skontha l-UE timmira li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin fost il-pajjiżi ġirien, abbażi tal-valuri tal-UE u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u fis-sliem msejsa fuq il-kooperazzjoni. Biex tikseb dawn l-għanijiet l-UE u l-imsieħba tagħha jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni bilaterali maqbula flimkien li jiddefinixxu ġabra ta' priyoritajiet li jinkludu kwistjonijiet politiċi u tas-sigurtà, affarijiet kummerċjali u ekonomiċi, problemi ambjentali u l-integrazzjoni tan-netwerk tat-trasport u l-enerġija. L-Unjoni għall-Mediterran, l-istrateġija ***tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku***, is-Sħubija tal-Lvant, u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed huma inizjattivi reġjonali u multilaterali li jikkumplementaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-grupp rispettiv ta' pajjiżi msieħba ġirien li jiffaċċjaw sfidi komuni u/jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran tappoġġja t-titjib soċjoekonomiku, is-solidarjetà, l-

b'enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ reġjonali u l-proġetti transnazzjonali. L-Isħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-pajjiżi Msieħba tal-Lvant. Il-Federazzjoni Russa u l-UE għandhom Sħubija Strateġika fuq firxa wiesgħa, distintata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji Komuni u r-Rotot ta' Direzzjoni. **Dan hu** kumplimentat fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li ttiprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda.

integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien, b'enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ reġjonali u l-proġetti transnazzjonali. **L-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tappoġġja ambjent sostenibbli u żvilupp ekonomiku u soċjali ottimali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku.** L-Isħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-pajjiżi Msieħba tal-Lvant. Il-Federazzjoni Russa u l-UE għandhom Sħubija Strateġika fuq firxa wiesgħa, distintata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji Komuni u r-Rotot ta' Direzzjoni. **Dawn huma kumplimentati** fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li ttiprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda.

Or. en

Emenda 69 **Ivailo Kalfin**

Proposta għal deċiżjoni **Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjon

(21) Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-UE fir-reġjuni kkonċernati, għandhom **jiġu esplorati** opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-UE kif jixraq, fl-għamla ta' garanziji, ta' kapital ta' riskju, ta' sussidju għar-rati tal-interess u ta' kofinanzjament fl-investment, flimkien ma' għajjnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrumenti għall-Istabbiltà, l-EIDHR u d-DCI

Emenda

(21) Bil-għan li titjeb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-Unjoni fir-reġjuni kkonċernati, għandhom **jinstabu** opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni kif jixraq, fl-għamla ta' garanziji, ta' kapital ta' riskju, ta' sussidju għar-rati tal-interess u ta' kofinanzjament fl-investment, flimkien ma' għajjnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrumenti għall-Istabbiltà, l-EIDHR u d-DCI **Kull meta sseħ kombinazzjoni tal-iffinanzjar tal-BEI ma'**

riżorsi baġitarji oħra tal-UE, id-deċiżjonijiet ta' ffinanzjar kollha għandhom jidentifikaw b'mod ċar ir-riżorsi li jridu jkunu involuti. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li saru taħt din id-Deċiżjoni irid ikollu lista dettaljata tar-riżorsi baġitarji u l-istrumenti finanzjarji użati f'kombinazzjoni mal-finanzjament tal-BEI.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am16 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 70 Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni Premessa 24

Test propost mill-Kummissjon

(24) Il-BEI għandu jħejji, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm multiannwali indikattiv tal-ammont ippjanat ta' firem tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija. Il-Kummissjoni għandha tqis dan il-pjan fil-programmazzjoni tal-baġit regolari tagħha trażmess lill-awtorità baġitarja.

Emenda

(24) Il-BEI għandu jħejji, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm multiannwali indikattiv tal-ammont ippjanat ta' firem tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija **u biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-tbassir tas-self tal-BEI mal-livelli massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.** Il-Kummissjoni għandha tqis dan il-pjan fil-programmazzjoni tal-baġit regolari tagħha trażmess lill-awtorità baġitarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am19 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 71
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjon

(25) Il-Kummissjoni għandha **tistħarreġ l-iżvilupp** ta' "Pjattaforma tal-UE għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi **għat-taħlit** tal-ġhotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. Pjattaforma ta' dan it-tip **tkompli** tħeġġeġ l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self **mill-BEI**.

Emenda

(25) Il-Kummissjoni għandha **tippromponi, abbażi tal-esperjenza pożittiva eżistenti, l-implimentazzjoni** ta' "Pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza **u tirrazzjonalizza** l-funzjonament tal-mekkaniżmi **għal iktar taħlit** tal-ġhotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI, **lill-BERŻ** kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. **Għal dan il-għan il-Kummissjoni se toħloq grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, il-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u bilaterali oħra.** Pjattaforma ta' dan it-tip **għandha** tħeġġeġ, **taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, is-sinerġiji, il-programmazzjoni kkonċertata u l-**arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni u tas-self **mill-istituzzjonijiet finanzjarji. Pjattaforma ta' dan it-tip tkun partikolarment siewja fil-finanzjament ta' proġetti orjentati lejn l-iżvilupp jew proġetti maħsuba biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM20 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 72
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjon

(25) **Il-Kummissjoni** għandha tistħarreġ l-iżvilupp ta' "Pjattaforma tal-UE għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għat-taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. **Fir-riflessjonijiet tagħha**, il-Kummissjoni **għandha** tikkonsulta lill-BEI **kif ukoll l-istituzzjonijiet** finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. Pjattaforma ta' dan it-tip tkompli tħeġġeġ l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self mill-BEI.

Emenda

(25) **Il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, l-BEI, kif ukoll il-Bank tal-UE, għandhom jistħarġu, sal-aħħar tal-2011, l-iżvilupp** ta' "Pjattaforma tal-UE għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għat-taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. **Għal dan il-għan, il-Kunsill u l-Kummissjoni se joħlqu grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, u l-BEI. Il-grupp ta' ħidma se jikkonsulta l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn** Pjattaforma ta' dan it-tip tkompli tħeġġeġ l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self mill-BEI.

Or. en

Emenda 73
Giovanni Collino

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjon

(25) **Il-Kummissjoni għandha** tistħarreġ l-iżvilupp ta' "Pjattaforma **tal-UE** għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li

Emenda

(25) **Ikun opportun li sal-2012** tistħarreġ l-iżvilupp ta' "Pjattaforma **Ewropea** għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li

tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għat-taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni **għandha tikkonsulta lill-BEI kif ukoll** l-istituzzjonijiet finanzjarji **bilaterali u multilaterali Ewropej** l-oħrajn. Pjattaforma ta' dan it-tip tkompli tħeġġeġ l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self mill-BEI.

tottimizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għat-taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. **Tali studju għandu jkun fih valutazzjoni tal-impatt li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ta' tali pjattaforma.** Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni, **il-Kunsill u l-Parlament għandhom jikkreaw grupp ta' ħidma sa mhux aktar mill-2011 bil-parteċipazzjoni tal-BEI, billi titqies il-fehma** tal-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħrajn, **internazzjonali u Ewropej.** Pjattaforma ta' dan it-tip tkompli tħeġġeġ l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self mill-BEI.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-implikazzjonijiet possibbli fuq il-mod ta' użu tal-bilanċ, huwa opportun li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew imexxu ħidmiethom flimkien mal-Kummissjoni u mal-BEI. Huwa opportun ukoll li jkun hemm skeda b'mod tali li d-diskussjonijiet ma jitwalux iż-żejjed.

Emenda 74 Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni Premessa 26

Test propost mill-Kummissjon

(26) Il-BEI għandu jitħeġġeġ iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra l-UE mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE **ħalli jsostni** l-għanijiet tal-politika esterna tal-UE, partikolarment fil-pajjiżi preadeżjonali u l-pajjiżi tal-viċinat u fil-pajjiżi tal-grad ta' investiment f'reġjuni oħra, imma anki fil-pajjiżi fil-grad ta' subinvestiment meta l-BEI jkollu l-garanziji adatti minn partijiet terzi. Il-BEI, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa politika li

Emenda

(26) Il-BEI għandu jitħeġġeġ iżid l-operazzjonijiet tiegħu **u jiddiversifika l-istrumenti finanzjarji tiegħu** barra l-UE mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE **u b'hekk l-użu tal-garanzija jista' jkun riservat għall-pajjiżi u l-proġetti li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' aċċess l-anqas favorevoli u fejn il-garanzija għalhekk tipprowdi valur miżjud ogħla. Il-BEI konsegwentement, u dejjem bil-għan li jappoġġja** l-għanijiet

permezz tagħha jiddeċiedi bejn l-allokazzjoni ta' proġetti taħt il-mandat tal-garanzija tal-UE jew ta' finanzjament b'riskju għall-BEI innifsu. Politika ta' dan it-tip tkun b'mod partikolari tqis l-affidabbiltà kreditarja tal-pajjiżi u l-proġetti inkwistjoni.

tal-politika esterna tal-UE, ***għandu jżid l-ammonti mislufa għar-riskju proprju tiegħu, u dan*** partikolarment fil-pajjiżi preadeżjonali u l-pajjiżi tal-viċinat u fil-pajjiżi tal-grad ta' investiment f'reġjuni oħra, imma anki fil-pajjiżi fil-grad ta' subinvestiment ***u bl-għoti ta' self subsovrani*** meta l-BEI jkollu l-garanziji adatti minn partijiet terzi. Il-BEI, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa politika li permezz tagħha jiddeċiedi bejn l-allokazzjoni ta' proġetti taħt il-mandat tal-garanzija tal-UE jew ta' finanzjament b'riskju għall-BEI innifsu. Politika ta' dan it-tip tkun b'mod partikolari tqis l-affidabbiltà kreditarja tal-pajjiżi u l-proġetti inkwistjoni. ***Meta l-mandat estern jiġġedded għall-perjodu ta' wara l-2013, din il-politika għandha tkun riveduta u l-lista tal-pajjiżi eliġibbli għall-garanzija eżaminata mill-ġdid filwaqt li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet dwar il-provvediment tal-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM21 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 75 Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni Premessa 29 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Fil-pajjiżi ta' intervent komuni, il-BEI u l-BERŻ għandhom itejbu l-kooperazzjoni bejniethom. Il-modalitajiet għall-implimentazzjoni tal-finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi tas-Sħubija u l-Viċinat tal-Lvant, ir-Russja, l-Ażja Ċentrali u t-Turkija huma ffissati fil-Memoranda ta'

Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Dawn il-memoranda għandhom jevitaw li l-BEI u l-BERŻ jikkompetu ma' xulxin, anzi jippermettulhom li jaġixxu b'mod komplementari billi jimmassimizzaw il-vantaġġi komparattivi rispettivi tagħhom. Dawn il-memoranda għandhom jipprovdu wkoll għall-konverġenza fi żmien raġonevoli tal-proċeduri tagħhom. Matul iż-żmien, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-istabbiliment ta' rabtiet eqreb bejn dawn iż-żewġ banek b'kapital fil-maġġoranza Ewropew, bil-għan li jiġu ottimizzati l-istrumenti Ewropej għall-finanzjament tal-azzjoni esterna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am24 tal-Abbozz ta' rapport: iż-żieda tar-Russja

Emenda 76 Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni Premessa 30

Test propost mill-Kummissjon

(30) Ir-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-BEI lejn il-Kummissjoni għandhom jissaħħu ħalli jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI imwettqa skont din id-deċiżjoni. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi, u bl-inklużjoni ta' taqsimiet dwar il-valur miżjud b'mod

Emenda

(30) Ir-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-BEI lejn il-Kummissjoni għandhom jissaħħu ħalli jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI imwettqa skont din id-deċiżjoni. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi, u bl-inklużjoni ta' taqsimiet dwar il-valur miżjud b'mod

konformi mal-politiki tal-UE u taqsimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, IFI oħra u donaturi bilatarali, inkluż il-kofinanzjament. Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi referenzi għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi li jkunu jiġġustifikaw aktar emendi għall-mandat qabel tmiem il-perjodu.

konformi mal-politiki tal-UE u taqsimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, **il-BERŻ**, IFI oħra u donaturi bilatarali, inkluż il-kofinanzjament, **kif ukoll evalwazzjonijiet tal-aċċessibilità, tat-trasparenza u tal-effiċjenza tas-self. Ir-rapport għandu jkun fih ukoll l-analiżi tal-BEI tas-sostenibilità ekonomika, finanzjarja, ekoloġika u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati. Għandu jinkludi wkoll sezzjoni speċifika ddedikata għall-evalwazzjoni dettaljata tal-miżuri meħuda mill-BEI biex jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-mandat attwali, u li jagħti attenzjoni partikolari lill-operazzjonijiet tal-BEI li jużaw mezzi finanzjarji li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore. Fl-operazzjonijiet tal-finanzjament tiegħu, il-BEI għandu jiżgura li l-politiki lejn ġurisdizzjonijiet irregolat b'mod dgħajjef esklużjoni jew mhux kooperattivi, inklużi rifuġji fiskali, huma implimentati b'mod adegwat biex jikkontrivwixxu għall-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-aspetti soċjali u dawk relatati mal-iżvilupp fil-proġetti. Ir-rapport għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, għaldaqstant jippermetti fehmiet minn NGOs rilevanti u pajjiżi riċeventi.** Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi referenzi għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi li jkunu jiġġustifikaw aktar emendi għall-mandat qabel tmiem il-perjodu. **Dan ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi lista dettaljata tar-riżorsi finanzjarji kollha tal-Unjoni użati flimkien mal-finanzjament tal-BEI u ta' donaturi oħra, b'hekk tingħata lista dettaljata tal-kxif finanzjarju tal-operazzjonijiet finanzjarji.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM25 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 77
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

1a. B'mod aktar ġenerali, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-UE, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tħeġġeġ u tikkonsolida d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-UE hija parti minnhom. Il-konformità tal-pajjiżi benefiċjarji mal-prinċipji u l-oġettivi tal-Konvenzjoni Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjoni u l-Aċċess għall-Ġustizzja u l-Kwistjonijiet Ambjentali, għandha tiġi żgurata mill-BEI fl-istadji relevanti differenti tal-proġetti. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari, oġettiv sottostanti għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandu jkun it-tnaqqis tal-faqar permezz ta': żvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli ta' dawn il-pajjiżi, l-aktar fost dawk l-aktar żvantaġġati fosthom; il-ġestjoni sostenibbli ta' riżorsi globali naturali; l-integrazzjoni bla intoppi u gradwali tagħhom fl-ekonomija dinjija; il-kampanja kontra l-faqar; kif ukoll il-konformità mal-għanijiet ġenerali approvati mill-UE fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħrajn. Il-BEI għandu jippromwovi aċċess ugwali għas-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati bħall-minoranzi, il-bdiewa u n-nisa. Biex jissodisfa dawn

ir-reqwiżiti b'mod adegwat, il-Kunsill għandu jiggarrantixxi żieda tar-riżorsi u tal-persunal tal-BEI fi żmien raġonevoli, u għandu sostanzjalment isawwar il-mezzi biex jissodisfa b'mod adegwat dawn ir-reqwiżiti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tal-premessa 12 tar-Rapporteur ġiet trasferita fil-parti sostantiva tad-deċiżjoni sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tagħha.. Ġiet inkluża referenza għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali globali hekk kif ipprevist fit-Trattati tal-UE u l-Konvenzjoni Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid tad-Deċiżjoni u l-Aċċess għall-Ġustizzja u l-Kwistjonijiet Ambjentali, li tagħmel parti minnhom l-UE.

Emenda 78 **Ivailo Kalfin**

Proposta għal deċiżjoni **Artikolu 2 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjon

4. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha koperti minn din id-deċiżjoni, fejn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jsostnu l-għan politiku ewlieni tal-UE li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima permezz ta' proġetti ta' sostenn fit-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha li jikkontribwixxu lejn l-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tiżdied il-flessibbiltà għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jiġi implimentat

Emenda

4. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha koperti minn din id-deċiżjoni, fejn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI jsostnu l-għan politiku ewlieni tal-UE li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima permezz ta' proġetti ta' sostenn fit-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha li jikkontribwixxu lejn l-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), b'mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tiżdied il-flessibbiltà għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jiġi implimentat

b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, bil-kombinazzjoni **fejn ikunu** possibbli **u xieraq** tal-finazjament mill-BEI mal-fondi baġitarji tal-UE.

b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, bil-kombinazzjoni **kemm jista' jkun** possibbli tal-finazjament mill-BEI mal-fondi baġitarji tal-UE. **L-eliġibbiltà ta' pajjiżi fejn il-BEI jiffinanzja t-taffija tat-tibdil fil-klima taħt il-garanzija tal-UE tista' tiġi ristretta għall-pajjiżi li skont il-Kunsill mhumiex jikkommettu rwieħhom għal miri adegwati marbuta mat-tibdil fil-klima.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM27 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 79
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

4a. Kriterja adegwata għal dak li jikkwalifika bħala “teknoloġija nadifa” fil-prinċipju għandha tiġi orjentata lejn l-effiċjenza enerġetika, u provvista enerġetika b'ebda emissjoni, billi jiġi eskluż l-appoġġ għall-provvista tal-enerġija bbażata fuq karburanti mill-fossili li jitfgħu is-CO₂.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iffinanzjar tal-klima għandha tiġi diretta għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinovabbli reali.

Emenda 80
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjon

5. Fil-każ tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima, madankollu, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati fir-reġjuni kollha koperti mill-Anness II ta' din id-deċiżjoni, sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4). B'mod partikolari, il-BEI se jiżgura li r-reġjun imsemmi fil-punt A tal-Anness II ma jirċevix iktar minn 40 % tal-ammont allokat għal dan il-Mandat, ir-reġjun fil-punt B mhux iktar minn 50 %, ir-reġjun fil-punt C mhux iktar minn 30 % u r-reġjun fil-punt D mhux iktar minn 10 %.

Emenda

5. Fil-każ tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima, madankollu, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati fir-reġjuni kollha koperti mill-Anness II ta' din id-deċiżjoni, sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4). B'mod partikolari, il-BEI se jiżgura li r-reġjun imsemmi fil-punt A tal-Anness II ma jirċevix iktar minn 40 % tal-ammont allokat għal dan il-Mandat, ir-reġjun fil-punt B mhux iktar minn 50 %, ir-reġjun fil-punt C mhux iktar minn 30 % u r-reġjun fil-punt D mhux iktar minn 10 %.

B'mod ġenerali, il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jintuża biex jiffinanzja proġetti li huma marbuta mill-qrib mal-kompetenzi tal-qofol tal-BEI, li jżidu l-valur u li jimmassimizzaw l-effett rigward l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

Or. en

Ġustifikazzjoni

emenda li tissostitwixxi AM28 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 81
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

5a. Kemm il-Mandat Ġenerali u l-Mandat tal-Bidla fil-Klima jridu jiġu mmaniġġjati

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM29 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 82
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-garanzija tal-UE għandha tingħata għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jsostnu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

Emenda

1. Il-garanzija tal-UE għandha tingħata għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jsostnu ***kwalunkwe mill-għanijiet*** ġenerali li ġejjin:

Emenda 83
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjon

4. Fil-każ ta' tħassib serju fuq is-sitwazzjoni politika jew ekonomika f'xi pajjiż speċifiku, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li jissospendu finanzjament ġdid mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE f'dak il-pajjiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Emenda

4. Fil-każ ta' tħassib serju fuq is-sitwazzjoni politika jew ekonomika ***u l-politiki*** f'xi pajjiż speċifiku, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li jissospendu finanzjament ġdid mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE f'dak il-pajjiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM35 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 84
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, flimkien mal-BEI, linji gwida operattivi reġjonali għall-finanzjament mill-BEI skont din id-deċiżjoni. Fit-tfassil ta' dawn il-linji gwida l-Kummissjoni u l-BEI **se jikkonsultaw** is-Servizzi Ewropej ta' Azzjoni Esterna (EEAS) fir-rigward ta' kwistjonijiet politiċi, **kif jixraq**. Il-linji gwida operattivi għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI isostni l-politiki tal-UE, u għandhom iqisu bħala punt tat-tluq il-qafas politiku reġjonali usa' tal-UE ffissat mill-Kummissjoni u l-EEAS, kif jixraq. **B'mod partikolari**, il-linji gwida se jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun jikkumplimenta l-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti mill-UE fir-reġjuni differenti, b'kunsiderazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet **u** l-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-Kummissjoni **se tinforma** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-linji gwida stabbiliti. Fi ħdan il-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrateġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, flimkien mal-BEI **u mal-EEAS**, linji gwida operattivi reġjonali għall-finanzjament mill-BEI skont din id-deċiżjoni. Fit-tfassil ta' dawn il-linji gwida l-Kummissjoni u l-BEI **għandhom jaħdmu flimkien** is-Servizzi Ewropej ta' Azzjoni Esterna (EEAS) fir-rigward ta' kwistjonijiet politiċi, **li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu**. Il-linji gwida operattivi għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI isostni l-politiki tal-UE, u għandhom iqisu bħala punt tat-tluq il-qafas politiku reġjonali usa' tal-UE ffissat mill-Kummissjoni u l-EEAS, kif jixraq. **Barra minn hekk**, il-linji gwida se jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun jikkumplimenta l-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti mill-UE fir-reġjuni differenti, b'kunsiderazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill **u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp**. Il-Kummissjoni **għandha tirrapporta** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-linji gwida stabbiliti. Fi ħdan il-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrateġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi Am36 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 85
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

Emenda

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa, ***fil-waqt li tiġi vverifikata l-preżenza ta' konsultazzjoni pubblika lokali***, fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti li jkunu ***għalkollox*** sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tinkludi bażi aggregata fir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill valutazzjoni tad-dimensjoni tal-iżvilupp tal-attivitajiet tal-BEI, ibbażata fuq id-diliġenza dovuta li ssir fuq il-proġetti.***

Fejn jixraq, il-valutazzjoni għandha tinkludi evalwazzjoni ta' kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajjnuna teknika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM37 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 86
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li daww il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

Emenda

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa, ***fil-waqt li tiġi vverifikata l-preżenza ta' konsultazzjoni pubblika lokali***, fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li daww il-proġetti li jkunu ***għalkollox*** sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tinkludi bażi aggregata fir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI u daww id-dimensjoni tal-iżvilupp tal-attivitajiet tal-BEI, abbozzata fuq il-bażi ta' diliġenza dovuta li ssir fuq il-proġetti.***

Fejn jixraq, il-valutazzjoni għandha tinkludi evalwazzjoni ta' kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajnuna teknika. L-BEI għandu jemenda r-regoli u l-proċeduri tiegħu biex jippermettu dawn il-ħidmiet il-ġodda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM37 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 87
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li daww il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

Emenda

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza qawwija xierqa, ***inkluża l-konsultazzjoni pubblika lokali***, fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE ***qabel approvazzjoni ta' proġett, inkluż, f'forma xierqa, l-attività ta' self ta' flus ta' intermedjarji finanzjarji***. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li daww il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni.

Il-proġett tar-rapporti ta' valutazzjoni adottat fi ħdan il-proċess ta' diliġenza dovuta għandu jiġu żvelat lill-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta annwalment lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultat tad-diliġenza dovuta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-konsultazzjoni pubblika lokali hija element importanti sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni tal-proġetti ffinanzjati. L-attività tas-self tal-flus ta' intermedjarji finanzjarji għandha tiġi mmonitorjata sa ċertu punt sabiex jiġi evitat li rati ta' interess favorevoli mill-BEI ma jingħatawx lill-benefiċjarji aħħarja.

Emenda 88
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjon

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu ***jsaħħaħ is-sorveljanza tiegħu*** tul l-implimentazzjoni tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp.

Emenda

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu ***jitlob lill-promoturi tal-proġett sabiex jagħmlu monitoraġġ bir-reqqa*** tul l-implimentazzjoni ***u t-twettiq*** tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp, ***u fuq id-drittijiet ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem. Is-sorveljanza għandha tinkludi, fejn possibbli, il-prestazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji b'appoġġ tal-SMEs. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu żvelati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM38 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 89
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjon

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu jsaħħaħ is-sorveljanza tiegħu tul l-implimentazzjoni tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp.

Emenda

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI għandu jsaħħaħ is-sorveljanza tiegħu tul l-implimentazzjoni tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp.

Biex jintlaħqu l-SMEs, l-BEI għandu jissieħeb biss ma' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji intermedjarji lokali li jilhqnu kriterja ċara żviluppata mill-Kummissjoni. Dawn il-kriterja għandhom jiffukaw fuq l-abbiltà li jiġi mogħti impatt ċar b'konformità mal-għanijiet tal-iżvilupp tal-UE, is-sjieda ta' intermedjarji finanzjarji u valur miżjud meta mqabbel mal-iffinanzjar tas-suq.

L-appoġġ tal-SMEs għandu jkun trasparenti għalkollox u l-valur miżjud tal-BEI għandu jiġi rrappurtat regolarment.

Or. en

Emenda 90
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 6 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

2a. Il-BEI għandu jrissottometti lill-Kummissjoni rapporti annwali li jivvalutaw l-estimi tal-impatt tal-iżvilupp tal-operazzjonijiet finanzjati tul is-sena. Ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq kriterja tal-iżvilupp tal-BEI hekk kif stabbiliti fl-Artikolu 6(1). Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapporti tal-BEI fil-qafas tal-eżerċizzju tar-rappurtar annwali stabbilit fl-Artikolu 10 u jkunu disponibbli għall-pubbliku, sabiex il-persuni interessati, inklużi l-NGOs u l-pajjiżi riċeventi, ukoll ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti r-rapporti annwali, filwaqt li jqis l-opinjoni tal-partijiet interessati kollha

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM39 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 91
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjon

Koperazzjoni ma' istituzzjonijiet
finanzjarji internazzjonali oħrajn

Emenda

Koperazzjoni ma' istituzzjonijiet *ta'*
finanzjament pubbliku oħrajn

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM40 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 92
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tipproponi, abbażi tal-esperjenza pożittiva eżistenti, l-implimentazzjoni ta' "Pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza u tirrazzjonalizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għal iktar taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. . Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI, lill-BERD kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. Għal dan il-għan il-Kummissjoni se toħloq grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, il-BEI u istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u bilaterali oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM43 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 93
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

2a. Il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-BEI, ibbażat fuq l-esperjenza miksuba, għandhom iwaqqfu pjattaforma xierqa sabiex jimmassimizzaw l-effiċjenza tal-iffinanzjar tal-UE, fl-appoġġ tal-iżvilupp tal-UE u l-oġġettivi ta' kooperazzjoni f'pajjiżi eliġibbli għall-iffinanzjar tal-BEI.

Or. en

Emenda 94
Helga Trüpel

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 8 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 8 a

Il-parteciċipazzjoni tal-pubbliku u l-iżvelar tal-informazzjoni

1. Il-BEI għandu, flimkien mal-promotur tal-proġett, jieħu parti attiva fl-organizzazzjoni tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-iżvilupp, l-ambjent u l-aspetti soċjali tal-proġett. L-BEI għandu jidentifika l-pubbliku affetwat bil-proġett ifffinanzjat mill-BEI. Il-BEI għandu jiżgura li l-popolazzjoni lokali tinsab informata dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha li jikkonċernaw l-operazzjonijiet tal-BEI li jsiru fi żmien qasir.

2. L-BEI għandu jagħmel dokumenti relatati ma' proġetti li għalihom il-BEI jibbenefika mill-garanzija tal-UE aċċessibbli b'mod dirett għall-pubbliku f'forma elettronika jew permezz ta' reġistru f'konformità mar-regoli tiegħu. L-informazzjoni li ssir disponibbli u mxerrda għandha tiġi aġġornata kif xieraq u għandha tinkludi:

- deskrizzjoni/sommarju tal-proġett;*
- rapporti ta' valutazzjoni ta' proġetti (valutazzjoni dwar l-iżviluppi ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u l-impatti tal-proġett);*
- kuntratti u kundizzjonijiet fuq drittijiet ambjentali, l-iżvilupp u d-drittijiet umani relatati mal-proġetti;*
- il-monitoraġġ ta' rapporti fuq l-iżvilupp ambjentali u aspetti soċjali relatati mal-proġett;*
- rapporti ta' valutazzjoni ex-post dwar il-kontribuzzjoni ta' proġetti ta' żvilupp ekonomiku, l-qerda tal-faqar, il-protezzjoni tal-ambjent u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni pubblika u l-iżvelar ta' informazzjoni huma elementi importati sabiex tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-proġetti ffinanzjati, il-kontroll tal-kwalità u l-kontabilità.

Emenda 95 **Ivailo Kalfin**

Proposta għal deċiżjoni **Artikolu 10 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjon

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-

BEI mwettqa taħt din id-deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq il-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali jew reġjonali kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI sabiex ikunu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi msemmija fl-Artikolu 5, u għandu jinkludu taqsimiet dwar l-valur miżjud għall-kisba tal-għanijiet politiċi tal-UE kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra, inkluż il-kofinanzjament.

BEI mwettqa taħt din id-deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq il-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali jew reġjonali, ***tal-implimentazzjoni tal-prattiki tal-BEI fir-rigward tal-aċċessibilità, it-trasparenza u l-effiċjenza tas-self tal-flus, kif ukoll valutazzjoni tal-kontribuzzjoni*** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI sabiex ikunu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE. ***Ir-rapport għandu jipprovdi sommarju tal-proġetti li jkun qed jitwettqu.*** Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi msemmija fl-Artikolu 5, u għandu jinkludu taqsimiet dwar l-valur miżjud għall-kisba tal-għanijiet politiċi tal-UE, ***dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp u sa liema punt il-BEI kkunsidra s-sostenibilità ambjentali u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati***, kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra, inkluż il-kofinanzjament. ***Barra minn hekk, il-BEI għandu jibqa' jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' valutazzjoni kollha tiegħu li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi milħuqa mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont il-mandati esterni.*** ***Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-politika tal-BEI dwar ir-riżorsi umani u materjali relatati mal-attivitajiet tiegħu barra l-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM46 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 96
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjon

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni fil-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali u reġjonali u tas-sodisfar tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE, inkluża l-koperazzjoni mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni fil-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali u reġjonali u tas-sodisfar tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE, inkluża l-koperazzjoni mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra ***kif ukoll rapport ta' valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp, kif imsemmi fl-Artikolu 6. Kwalunkwe Memoranda ta' Ftehim bejn il-BEI u IFI oħrajn jew istituzzjonijiet bilaterali oħrajn dwar it-tweqqif ta' operazzjonijiet finanzjarji fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni jeħtieġ li jsir pubbliku.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM47 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 97
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

5a. F'każ li l-BEI ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-irrapportar hekk kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan iwassal għall-obbligu tal-BEI biex jitratta u mhux b'telf il-kopertura tal-garanzija tal-UE.

Emenda 98
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 10a

Ġurisdizzjonijiet li ma jikkoperawx

Fl-operazzjonijiet tal-finanzjament tiegħu, il-BEI ma għandux jaċċetta kwalunkwe attività li ssir bi skop illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, l-iffinanzjar tat-terroriżmu, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa. B'mod partikulari, il-BEI ma għandux jipparteċipa fi kwalunkwe operazzjoni implimentata permezz ta' purisdizzjoni li ma tikkoperax, hekk kif identifikat mill-PECD, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u orgaizzazzjoni relevanti oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM39 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 99
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 10a

Fl-operazzjonijiet tal-finanzjament tiegħu, il-BEI għandu jiżgura li l-politiki lejn ġurisdizzjonijiet irregolat b'mod dgħajjef jew mhux kooperattivi, inklużi rifuġji

fiskali, jikkontrivwixxu għall-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa.

Or. en

Emenda 100
Giovanni Collino

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 10a

Prospettivi għall-finanzjament tal-iżvilupp Il-Kummissjoni, flimkien mal-BEI, toħloq grupp ta' ħidma għad-diskussjoni tal-prospettivi ta' finanzjament tal-iżvilupp ġej mill-Unjoni Ewropea, għall-fini li jkun hemm reviżjoni tal-prassi eżistenti u jkunu proposti modifiki fl-organizzazzjoni u l-kordinament tal-għajnuniet għall-iżvilupp, u l-awment tal-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. Il-grupp ta' ħidma huwa kompost mill-Kummissjoni, mill-BEI, mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u mill-Parlament Ewropew, filwaqt li titqies il-fehma tal-istituti finanzjarji Ewoprej l-oħrajn u tal-gruppi prinċipali ta' interess, inklużi dawk privati.

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-bilanċ komunitarju tgħaddi wkoll minn programmazzjoni tar-riżorsi li se jkollhom fil-futur. Ir-responsabilitajiet fi ħdan grupp ta' ħidma għandhom ikunu distribwiti b'mod ekwilibrat.

Emenda 101
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 10b

Perspettivi għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-iffinanzjar

Il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-BEI, toħloq grupp ta' ħidma sabiex jiddiskuti l-perspettivi tal-kooperazzjoni u l-iffinanzjar għall-iżvilupp li joriġinaw mill-UE sabiex jiġu rieżaminati l-prattiki eżistenti u jiġu ssuġġeriti tibdiliet fl-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-għajnuna għall-iżvilupp u ż-żieda fl-effiċjenza u l-effettività tagħha. Il-grupp ta' ħidma għandu jinkludi rappreżentanti minn Stati Membri, il-Parlament Ewropew, istituzzjonijiet finanjarji Ewropej oħra u għandhom jikkonsultaw kif xieraq NGOs rilevanti, is-settur privat u esperti minn pajjiżi b'rekord pożittiv fost dawk li rċievu l-assistenza għall-iżvilupp. Il-grupp ta' ħidma għandu jippreżenta r-rapport tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjonijiet qabel il-31 ta' Diċembru 2012.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM50 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 102
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 10 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjon

Emenda

Artikolu 10b

Il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jipprovdu rakkomandazzjonijiet, sa nofs l-2012, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem lejn l-iżvilupp ta' arkitettura tal-iffinanzjar. Għal dan il-għan il-grupp ta' ħidma għandu jinkludi rappreżentanti mill-Kummissjoni, l-BEI, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri u għandhom jikkonsultaw istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej oħra, is-settur privat, NGOs u esperti minn pajjiżi li qed iżviluppaw.

Or. en

Emenda 103
Ivailo Kalfin

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjon

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda li tissostitwixxi AM54 tal-Abbozz ta' rapport

Emenda 104
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Anness 1 – punt D – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

Fi ħdan il-limiti massimi **reġjonali** tal-Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid ammont sa **10 % tal-limitu massimu** reġjonali bejn il-limiti massimi **sottoreġjonali indikattivi**.

Emenda

Fi ħdan il-limiti massimi tal-Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid ammont sa **20 % tal-limitu massimu** reġjonali bejn il-limiti massimi **bejn ir-reġjuni**.

Or. en

Emenda 105
Giovanni Collino

Proposta għal deċiżjoni
Anness 1 – punt D – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

Gli organi direttivi della BEI possono decidere di riassegnare un importo pari fino al **10%** del massimale regionale tra i massimali **sub-regionali** indicativi nell'ambito **dei massimali regionali** del mandato generale.

Emenda

Fi ħdan il-limiti massimi reġjonali tal-Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid ammont sa **20 % tal-limitu massimu** **reġjonali** bejn **il-limiti massimi** indikattivi tal-mandat ġenerali.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-kriżi ekonomika u tan-neċessità li l-BEI jappoġġja t-tkabbir u l-koperazzjoni mal-pajjiżi ġirien, din is-soluzzjoni tkun tippermetti li jkun limitat l-awment tal-limiti massima filwaqt li tiġi sostnuta l-attività tal-BEI, b'mod partikolari fir-reġjuni A u B.

Emenda 106
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Anness II – punt B – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

L-Ewropa tal-Lvant: Ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Belarus;

Emenda

L-Ewropa tal-Lvant: Ir-Repubblika tal-Moldova, l-Ukrajna, il-Belarus (*);

Emenda 107
Barbara Matera

Proposta għal deċiżjoni
Anness II – punt C – punt 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjon

L-Ażja (għajr l-Ażja Ċentrali): L-Afganistan (*), il-Bangladexx, il-Butan (*), il-Brunej, il-Kambodja (*), iċ-Ċina (inkluż Hong Kong u r-Regjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq, il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Malażja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajwan (*), it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen.

Or. en

Emenda

L-Ażja (għajr l-Ażja Ċentrali): L-Afganistan (*), il-Bangladexx, il-Butan (*), il-Brunej, il-Kambodja (*), iċ-Ċina (inkluż Hong Kong u r-Regjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indoneżja, l-Iraq(*), il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Malażja, il-Maldivi, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajwan (*), it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen.